# FQIRA U SKARSA
## L-EDUKAZZJONI U T-TAGĦLIM FL-EWWEL SNIN TAS-SEKLU DSATAX (1800–36)

George Cassar

**Meta Malta għaddiet taħt l-Ingliżi fl-1800, bdiet era ġdida għall-poplu Malti. Madankollu, f'ħafna aspetti, din il-bidla fil-ħakkiema fissret ftit li xejn għan-nies, peress li Malta kompliet tiġi maħkuma minn qawwa barranija li ftit li xejn kien jimpurtaha mill-progress u l-libertà tan-nies ta' din il-gżira — l-istess storja tal-mijiet ta' snin ta' qabel taħt ħakmiet oħra. Mill-banda l-oħra irid jingħad li żviluppi saru wkoll, għalkemm dejjem skont, kif u kemm kien jippermetti l-kolonizzatur, u dejjem meta kien jaqbel lilu.**

Fir-rigward tal-edukazzjoni tal-poplu, l-Ingliżi f'Malta, għall-ewwel snin, ma raw ebda skop li jagħmlu xi ħaġa straordinarja biex il-Maltin jibdew jieħdu biżżejjed tagħlim li bih setgħu jimxu 'l quddiem u jiżviluppaw. Ħallew kollox kif sabuh u hekk l-Maltin, li issa kienu jagħmlu parti mill-aktar imperu mifrux mad-dinja, kellhom jistennew madwar erbgħin sena biex jixref l-ewwel xaqq dawl serju fir-rigward ta' edukazzjoni għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Deskrizzjoni skjetta ta' x'kien hawn — jew aħjar x'ma kienx hawn — f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskejjel, ingħatat mill-kittieb William Domeier li f'pubblikazzjoni dwar Malta għall-vjaġġaturi barranin għamilha ċara li f'Malta f'ebda raħal ma kien hemm skola pubblika; u kompla josserva li t-tfal Maltin kienu jgħixu bħall-annimali, jiġifieri kienu jieklu, jixorbu, jaħdmu u jorqdu.[1] Għalkemm fl-ibliet kont issib xi skejjel, żgur li dawn ma kontx issib bħalhom fl-irħula tal-kampanja. Kien żmien meta l-iskejjel elementari — anki fl-Ingilterra stess — kienu jkunu mmexxija u miżmuma minn għaqdiet volontarji u kien biss minn madwar l-1833 li l-gvern Ingliż beda jagħti xi forma ta' għajnuna finanzjarja lil dawn l-iskejjel.[2] Hekk ġara wkoll f'Malta. Iżda forsi eċċezzjoni waħda partikulari kienet skola f'Għawdex li oriġinarjament kienet bdiet taħdem fl-1795. Kienet skola mmexxija minn membri tal-kleru u kienet megħjuna mill-ġenituri. Il-kurrikulu tagħha kien imfassal biex jagħti formazzjoni letterarja u reliġjuża, imma din kellha tagħlaq fl-1798 mal-wasla tal-Franċiżi f'Malta.[3]

X'aktarx li din kienet l-ewwel skola pubblika li qatt kien hemm f'Għawdex u kienet titmexxa minn Dun M.A. Lawron.[4] Reġgħet fetħet fl-1802 u l-Gvern ħadha taħt idejh fl-1808 u, billi issa beda jħallas l-ispejjeż biex din tkompli taħdem, il-ġenituri ma baqgħux jintalbu jħallsu miżata biex it-tfal tagħhom ikunu jistgħu jattendu. Sas-sena 1828 din kienet saret skola elementari u, skont kif ikkummenta Mons. Dott. Paolo Pullicino, kienet l-aħjar soluzzjoni għall-bżonnijiet tal-Għawdxin f'dawk iż-żminijiet.[5] Jidher li f'Għawdex kien hemm ukoll sitt skejjel oħra li kienu privati. Tlieta minnhom kienu għas-subien u kienu jitmexxew minn qassisin, filwaqt li t-tlieta l-oħra kienu għall-bniet taħt id-direzzjoni ta' nisa miżżewġa, u x'aktarx romol.[6]

Madankollu kien żmien diffiċli ħafna għal dawk li kienu fqar għax anki jekk kien hemm familji li xtaqu jaraw lil uliedhom aħjar minnhom, dawn ma kellhomx il-mezzi biex jgħinuhom jirnexxu. Barra li f'Malta kien għad hawn nuqqas kbir ta' skejjel fl-ibliet u aktar u aktar fl-irħula, kien hemm fuq kollox diffikultà ewlenija fost il-popolin. Il-faqar kien tant mifrux li ebda ġenitur ma kien jista' jħalli lil uliedu 'jaħlu l-ħin' f'xi skola meta dawn setgħu jmorru jsibu xogħol li permezz tal-ftit li kienu jaqilgħu minnu kienu jmantnu lilhom infushom u jgħinu lill-familja tagħhom li spiss kienet tkun numeruża u fil-bżonn anki tal-aktar bżonnijiet bażiċi.

Mhux l-istess dawk li kellhom xi sold. Dawn kienu jafu l-valur tal-edukazzjoni u kellhom il-mezzi biex it-tagħlim isibuh u jeħduh. Eżempju wieħed fost oħrajn kien persunaġġ li kien ġej minn familja tat-tajjeb u struwita. Dan il-każ jixħet dawl fuq x'kienu jagħmlu familji tat-tajjeb u kif kienu jipprovdu edukazzjoni għal uliedhom. Mela Dott. Dun Filippu Amato, li wasal biex inħatar Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta u Segretarju tal-Isqof Franġisk Saverju Caruana, kien ġej minn familja tal-klassi medju-għolja. Missieru kien

in-Nutar Pietru Pawl Amato u ommu kienet Roża Borg Zimach (oħt il-Prof. Fra Ġużeppi Xmun Borg, Professur tal-Liġi Ċivili u Kriminali fl-Università ta' Malta).[7] Minn tfulitu Filippu ngħata l-edukazzjoni tiegħu d-dar u mill-età ta' 4 jew 5 snin kien diġà studja taħt żewġ qassisin magħrufa u stmati minn Ħaż-Żebbuġ.[8] U hekk kompla jiġi edukat f'żgħożitu. Din is-sistema kienet komda ħafna minħabba li f'Malta, f'dawk iż-żminijiet, ma kienx hawn skejjel apposta fejn setgħu jitgħallmu nies mill-klassijiet għolja. Kien ukoll mod kif il-klassi l-aktar komda u sinjura tiddistingwi ruħha minn klassijiet oħra inqas tat-tajjeb u li ma setgħux jeżerċitaw poter u influwenza soċjali fost il-poplu f'dak iż-żmien.

Għall-familji li kienu fil-klassi tan-nofs, u li għalhekk setgħu jwarrbu xi ħaġa għall-edukazzjoni ta' wliedhom, kien hemm numru ta' skejjel privati mmexxijin minn individwi li għal miżata raġonevoli kienu jipprovdu tagħlim f'numru ta' suġġetti ta' bżonn għal dawk li xtaqu jimxu 'l quddiem fil-ħajja billi jsibu impjieg hekk imsejjaħ 'tal-moħħ'. Mill-ktieb ta' Domeier niskopru għadd ta' skejjel privati, li normalment kienu jkunu magħmulin minn klassi waħda, u li wħud minnhom kellhom għalliema barranin. Hekk naraw li madwar is-sena 1810, pereżempju fil-Belt Valletta, kien hemm skola għal tfajliet Ingliżi taħt it-tmexxija tas-Sinjura O'Brian. Kien il-gvern kolonjali ta' Malta li ta lil din l-għalliema l-bini li fih waqqfet l-iskola tagħha. Għal miżata ta' 10 xelini fix-xahar, l-istudenti kienu jiġu mgħallma l-qari, il-ħjata u kif jispellu. Jekk xtaqu jitgħallmu ż-żfin, il-kitba u suġġetti oħra, setgħu jagħmlu dan billi jħallsu xi ħaġa iżjed. L-orarju ta' din l-iskola kien ta' tliet siegħat filgħodu u sagħtejn waranofsinhar.[9]

Għall-istudenti Ingliżi subien, imbagħad, kien hemm skola taħt it-tmexxija tas-Sur Noble, li kien deskritt bħala negozjant rispettabbli. L-iskola ta' Noble kienet imfittxija ħafna u kienet tinsab f'sular ieħor fl-istess binja tal-iskola tas-Sinjura O'Brian, u l-ispazju għaliha kien ingħata mill-gvern ukoll. B'riflessjoni tad-differenza bejn is-sessi kif kienet teżisti f'dawk iż-żminijiet, fl-iskola tas-subien kienu jiġu mgħallma l-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan, il-Matematika, il-Ġeografija u kien hemm ħsieb li jkun offrut ukoll il-Latin. Il-ħlas kien simili għal dak tal-iskola tal-bniet.[10] Kien ċar fil-ħsieb tas-soċjetà tas-seklu dsatax li l-edukazzjoni għall-ħajja ma kinitx tfisser l-istess għal tifel u għal tifla. It-tifel kien irid isib ix-xogħol u jekk jista' jkun ikollu mezzi tajbin biex jibni u jmantni l-familja tiegħu, għalhekk aktar ma l-edukazzjoni kienet tkun wiesgħa aktar kien jista' jirnexxi fil-karriera u jistabilixxi ruħu fis-soċjetà. It-tifla kien ikollha bżonn edukazzjoni biex tkun mara tad-dar tajba u effiċjenti, tgħin lil uliedha u tagħti sostenn lil żewġha, imma kien ikollha valur akbar fil-familja jekk tkun taf ukoll taqra, tikteb u tapprezza l-letteratura u l-arti fl-elementi varji tagħhom.

Mal-iskejjel diġà msemmija, William Domeier, li kien tabib tas-suldati barranin u li serva f'Malta bejn l-1806 u l-1808, jindika wkoll żewġ skejjel f'Bormla — waħda msejħa skola Latina (x'aktarx immexxija mill-Knisja jew minn xi membru tal-kleru), u skola Ingliża




**Klassi tfal fl-iskola primarja tal-Furjana fl-1927. Ħajr lil Michael Cassar**



***Sports Day* għat-tfal tas-suldati Ingliżi f'St Andrew's. Ħajr lil Michael Cassar**

taħt id-direzzjoni ta' surġent (probabbilment tal-armata). Kien hemm fl-aħħar is-Seminarju tal-Knisja fl-Imdina fejn kienu jintgħallmu x-xjenzi u l-lingwi, naturalment kollox bit-Taljan.[11]

Meta ġie biex jagħti l-fehma tiegħu fuq il-qagħda tal-edukazzjoni f'dawk iż-żminijiet; Domeier stqarr li għalkemm għall-istudenti Maltin kien hemm xi skejjel fil-Belt Valletta u oħrajn fil-kunventi, barra li kien hemm klassijiet immexxija minn għalliema privati, hu kien tal-parir li ġenituri barranin ma kellhomx jibagħtu lil uliedhom fihom. Skont hu, kien hemm skola waħda biss li kienet adattata għall-istudenti barranin; din kienet l-iskola preparatorja għall-Univerisità — dik li 'l quddiem bdiet tissejjaħ il-Liċeo.[12]

Ma jidhirx li l-fehma ta' Domeier kienet xi waħda pessimista wisq jew li kienet skorretta għax madwar l-istess żmien insibu stqarrija minn awtur ieħor barrani, Edward Blaquiere, li fid-deskrizzjoni tiegħu ta' Malta jgħid li kien ċert li se tissorprendi lil ħafna meta jisimgħu li ma kien hemm lanqas skola waħda pubblika fil-gżira kollha. U b'kuntrast mal-awtur ta' qablu, kompla jgħid li anki dak li hu sejjaħlu s-seminarju tal-Belt (il-Liċeo), ma kien effiċjenti xejn u fuqu kienu jgergru ħafna Maltin.[13] Blaquiere, tenent tar-Royal Navy, kien tal-opinjoni li li kieku l-gvern Ingliż f'Malta fehem l-importanza ta' sistema ta' tagħlim għall-poplu, kien jagħtiha l-inkoraġġiment li kien jistħoqqilha u hekk, kompla jsostni, kienet tittaffa bil-mod il-mod dik in-nuqqas ta' fiduċja u l-għira u li kienet tinħass bejn il-Maltin u l-Ingliżi.[14]

Fil-Belt Valletta jidher li kien hemm biss skola waħda għall-bniet li ma kellhomx mezzi biex iħallsu, u din kellha għalliema prinċipali u mill-inqas assistenta waħda.[15] Minn lista tal-istituzzjonijiet immexxija mill-*Universitas* (jew il-kunsill governattiv tal-Belt) fl-1816 jidher li barra l-Università tal-Istudji[16] kien hemm biss din l-iskola tal-fqar taħt id-direzzjoni tal-għalliema Michela Casha.[17]

Meta niflu ftit ir-raġunijiet għaliex f'dawn l-ewwel snin l-iskejjel kienu daqshekk skarsi, ma nistgħux ngħidu li l-prokrastinazzjoni tal-gvern Ingliż kienet ġejja biss min-nuqqas ta' interess fit-tagħlim fil-kolonja. Jidher li l-gvern kolonjali, li fuq kollox kien wiret din il-qagħda miż-żmien tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, kien ukoll imfixkel mill-attitudni tal-ġerarkija tal-Knisja Kattolika lokali. Hu fatt ċert li l-awtoritajiet tal-Knisja, anki jekk kienu jirrikonoxxu li fih innifsu l-illitteriżmu kien ħaġa ħażina, madankollu kienu jemmnu li dan kien jevita d-dħul ta' tagħlim reliġjuż qarrieqi u modi perikolużi għax in-nies ma kinux kapaċi jaqraw materjal mhux mixtieq. Il-Gvernatur Ponsonby fil-fatt kien għarraf lis-Segretarju tal-Istat Lord Stanley li l-kleru kien iqis l-edukazzjoni bħala kelma oħra għal 'konverżjoni'. Il-Gvernatur, f'din iċ-ċirkostanza, kien tal-fehma li l-Knisja kienet tasal biex tikkoopera mal-gvern fil-qasam tal-edukazzjoni jekk dan ma jindaħalx lir-reliġjon stabbilita,[18] jiġifieri ma jfixkilx il-ħidma tal-Knisja Kattolika. Din is-sitwazzjoni nħolqot meta Malta, gżira Kattolika konvinta, spiċċat taħt ħakma Protestanta. Ma kinitx ħaġa stramba li l-Knisja Maltija bdiet tħares lejn kull

ma kien jipprova jintroduċi l-gvern Ingliż b'suspett u topponih bil-qawwa kollha, kważi mingħajr ma tikkunsidrah u tgħarblu biex tara kif dan seta' jfixkel il-kontroll tagħha fuq il-poplu u t-twemmin Kattoliku. Meta l-Ingliżi fehmu li l-Knisja f'Malta kellha ħakma tant soda fuq il-poplu ma ppruvawx aktar jieħdu l-edukazzjoni għalkollox minn taħt il-ħarsa tal-kleru. B'hekk, aktar 'il quddiem, l-edukazzjoni f'Malta bdiet tinfirex u titkattar u l-popolin seta' għalhekk igawdi mill-benefiċċji tat-tagħlim — imma dejjem taħt il-ħarsin u bl-approvazzjoni tal-isqof u l-kleru.

Skola partikulari li ma jidhirx li kien hemm nuqqas ta' qbil fuqha kienet dik magħrufa bħala l-Iskola Normali. Kienet tinsab fil-Belt Valletta u twaqqfet fl-1819. Għalkemm din l-iskola kienet suċċess mil-lat edukattiv, ma nistgħux ngħidu l-istess dwar il-lat finanzjarju, għax sabet ruħha f'diffikultà kif se tkampa b'nuqqas ta' finanzi. Bħala skola, kienet twaqqfet oriġinarjament minn għaqda filantropika u kellha titħaddem permezz tad-donazzjonijiet. Madankollu jidher li dawn il-kontribuzzjonijiet ma kinux qed ikunu biżżejjed biex l-iskola timxi sew u għalhekk il-gvern intervjena u rranġa l-bini bi spejjeż tiegħu,[19] filwaqt li l-Gvernatur Ponsonby u martu saru patruni tal-iskola.[20]

Ma kinitx l-unika skola li din l-għaqda, in-Normal School Society of Valletta, kienet tmexxi. Waħda simili nfetħet fiż-Żejtun taħt id-direzzjoni ta' Dott. Dun Luigi Camilleri. F'wieħed mir-rapporti ta' din l-Għaqda ntqal li l-iskola taż-Żejtun kienet sejra tajjeb u li dan kien ta' awgurju biex jinfetħu skejjel oħra simili madwar Malta.[21] Nafu li l-metodu tat-tagħlim f'dawn l-iskejjel kien dak imsejjaħ *mutual* li kien ifisser li kellek struttura b'għalliem wieħed u b'numru ta' tfal imfarfra, imsejħa *monitors* (is-sistema monitorjali) li kienu jagħtuh daqqa t'id. Kull għalliem kien jista' jgħallem sa 500 student f'daqqa billi l-monitors kienu jagħmluha ta' assistenti u jgħinu kif jistgħu gruppi ta' tfal fl-istess klassi u fl-istess ħin. Il-*monitorial system*, kif kienet magħrufa fl-Ingilterra, ġiet introdotta minn Andrew Bell u Joseph Lancaster u kienet ikkonsidrata bħala sistema li ma tqumx flus minħabba n-numri kbar ta' studenti li setgħu jieħdu t-tagħlim fl-istess ħin mill-istess għalliem.[22] Jidher li din is-sistema pedagoġika użata fin-Normal School ġiet addottata mill-gvern f'Malta u bdiet tintuża wkoll fl-iskola ta' Għawdex, li kienet taqa' direttament taħtu.[23]

Jidher li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien u Malta bħala kolonja qabdet ir-ritmu ta' ħajja aktar regolari taħt l-Ingliżi, numru ta' skejjel, ħafna minnhom privati, bdew jinbtu 'l hawn u 'l hinn. Minn ħarsa ħafifa fil-*Malta Government Gazette* bdew jidhru riklami varji li jindikaw li għalliema Maltin u barranin bdew jiftħu u jmexxu skejjel, u joffru varjetà ta' suġġetti. Pereżempju, is-Sur D.A. Floriani mill-Italja ngħata permess mill-gvernatur biex jiftaħ Writing Academy li kienet imxandra li toffri tagħlim fuq sistema Amerikana li sa dak iż-żmien kienet għadha ma dehritx fl-Ewropa.[24] Is-Sur Howard, għalliem ieħor, ħa l-iskola tas-Sur Maturin li kien se jħalli Malta, u kien qed joffri t-tagħlim tal-Grieg, il-Latin, il-Franċiż u l-Ingliż.[25] Is-Sur Charles Vere ġab il-permess biex jiftaħ skola li fiha kien se jgħallem l-Ingliż, il-Karattru, l-Aritmetika u l-*Bookkeeping*.[26] Is-Sur Michallef ħabbar li għalkemm kien ġarr l-iskola għal post ġdid kien baqa' jgħallem il-Latin, it-Taljan, il-Franċiż u l-Ingliż, flimkien ma' suġġetti oħra. Dan l-għalliem ġibed l-attenzjoni tal-qarrejja billi avża li hu kellu fl-iskola tiegħu assistent għalliem mill-Ingilterra biex jgħallem l-Ingliż, u b'hekk l-istudenti kienu se jieħdu l-pronunzja korretta ta' dik il-lingwa.[27] Ma' dawn l-iskejjel kien hemm ukoll oħrajn, imma b'mod ġenerali ftit tfal setgħu jagħmlu użu minnhom għax biex tattendi kont trid tħallas miżata — xi ħaġa li l-maġġoranza tal-familji Maltin ma setgħux jagħmlu. Dominic Miège, li kien Konslu ta' Franza f'Malta fis-snin tletin tas-seklu dsatax, irrapporta li kien hawn injoranza kbira għax minn kull 100 persuna, 69 ma kienu jafu la jaqraw u lanqas jiktbu, filwaqt li 22 oħra kien jaqraw u jiktbu imma ma kellhom ebda għarfien ieħor, u għalhekk kienu biss disa' persuni minn kull mija li setgħu jiġu deskritti bħala nies li kellhom ħiliet ogħla minn dawk bażiċi. Meta dawn il-perċentwali kienu jiddawru f'numri kien jirriżulta li minn popolazzjoni ta' 114,236 ruħ, kienu biss 10,128 li l-edukazzjoni tagħhom kienet tisboq dak strettament essenzjali; u 25,083 oħra jidher li kellhom biss ċertu livell ta' litteriżmu għax kienu jafu jaqraw u jiktbu. Dan kien ifisser li l-bqija, jiġifieri 79,025, kienu illitterati.[28] Dawn il-kalkoli u ċ-ċifri kienu msaħħa mill-evidenza taċ-ċensiment tal-popolazzjoni li kien sar fl-1842. Skont ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju demografiku, kienu biss 3,833 l-istudenti li kienu qegħdin imorru l-iskola f'dak il-perjodu.[29] Aktar kalkoli fuq l-istess żmien kien għamilhom il-Kanonku Pawlu Pullicino u dan sab li f'popolazzjoni ta' 114,499 il-proporzjon ta' studenti li kienu qed jattendu l-iskola għall-ħabta ta' nofs is-seklu kien jinħadem bħala 1:30. Kompla jikkalkula u meta qies il-grupp tal-etajiet bejn 5 u 15-il sena sab li l-proporzjon kien wieħed minn ħamsa (⅕) tal-popolazzjoni. It-tfal li kienu qed jieħdu tagħlim fl-iskejjel tal-pajjiż kien jammonta għal wieħed minn sitta (⅙).[30]

Il-qagħda mwiegħraS li fiha kienet tinsab l-edukazzjoni tal-kolonja ġiegħlet lill-gazzetta *Malta Penny Magazine* tikkummenta li t-tagħlim kien tħalla għall-filantropija ta' xi individwi jew għall-kapaċitajiet li seta' kellhom il-ġenituri. Mill-banda l-oħra, kompliet il-gazzetta, barra minn Malta l-edukazzjoni kienet meqjusa bħala parti mill-istrutturi tal-governanza; element essenzjali biex jinftiehmu u jiġu obduti l-liġijiet, element meħtieġ kemm għall-interess tal-istat u kemm għall-ġid tal-istess persuna li tkun qed tirċievi t-tagħlim.[31]

Kien żmien meta t-tagħlim kien għadu ma ġiex organizzat fuq linji ċari u effikaċi. L-iskejjel li kien hemm fil-kolonja kienu fil-maġġoranza tagħhom privati, u dawk l-iskejjel li kellhom għajnuna mill-gvern

kienu ftit wisq fin-numru biex jissodisfaw il-ħtiġijiet edukattivi tal-poplu Malti. Ta' min jgħid li fl-1834 il-gvern kien fetaħ skola oħra għat-tfal ta' familji anqas tat-tajjeb fil-Kottonera. Għal din in-Normal School, it-tenent gvernatur kien innomina bħala president lill-Kanonku Dott. Fortunat Panzavecchia.[32] Għaxar snin wara, dan is-saċerdot kellu jintgħażel ukoll bħala l-ewwel direttur tal-iskejjel Elementari.

Mela sas-snin tletin tas-seklu dsatax, bi skejjel pubbliċi mill-inqas u b'poplu li fostu kien isaltan nuqqas ta' tagħlim tal-għaġeb, is-sitwazzjoni kienet waħda gravi. Għalliema kien hemm ftit li xejn; taħriġ organizzat għalihom ma kienx jeżisti; il-gvern ma kellux politika ċara biżżejjed dwar l-iskejjel; u l-poplu kien fil-biċċa l-kbira tiegħu fqir, illitterat u fil-bżonn urġenti li jinqala' minn din il-miżerja li kienet qed tgħaddsu soċjalment, ekonomikament u psikoloġikament. Madankollu, is-sitwazzjoni kellha tibda titjieb, u dan ġara meta Kummissjoni Rjali waslet Malta fl-1836 u għamlet rapport fejn fost il-pariri li tat, issuġġeriet tibdil li fetaħ it-triq għall-bidla fil-qasam edukattiv.

## REFERENZI


1 Domeier, W., *Observations on the Climate, Manners and Amusements of Malta; principally intended for the information of Invalids repairing to the Islands for the recovery of health.* Londra: J. Callow, 1810, p. 101.

2 Wardle, D., *English Popular Education 1780–1970.* Londra: Cambridge University Press, 1970, p. 61.

3 Pullicino, P., *In occasione della inaugurazione delle classi di Secondaria Istruzione nel Rabato del Gozo il 16 Settembre 1851.* Malta, 1851, pp. 3–4.

4 *Għawdex*, 8 ta' Ġunju 1947, p. 1.

5 Pullicino, *In occasione...* pp. 3–4.

6 *Għawdex*, 8 ta' Ġunju 1947, p. 1.

7 Għal aktar tagħrif ara: J. Samut-Tagliaferro, "A chapel in the limits of Naxxar", *Malta Phoenix*. 24 ta' Awwissu 2009, http://maltaphoenix.yuku.com/topic/347 (aċċessat fit-3 ta' Settembru 2016); R.J. Camilleri Parlato, "History of Amato", SearchMalta.com, http://www.searchmalta.com/surnames/amato/index.shtml (aċċessat fid-9 ta' Settembru 2011).

8 [F. Pullicino], *Cenni Biografici del defunto Mons. Dr Don Filippo Amato Arcidiac. e Vicario Generale della Diocesi di Malta.* Malta: Portafoglio Maltese, 1864, p. 5.

9 Domeier, p.103.

10 Ibid.

11 Ibid.

12 Ibid., p. 102.

13 Blaquiere, E., *Letters from the Mediterranean; containing a Civil and Political Account of Sicily, Tripoly, Tunis, and Malta:...* Londra: Henry Colburn, 1813, pp. 292–3.

14 Ibid., 294.

15 L[ibrerija] N[azzjonali ta'] M[alta], Libr., 624, f.12r.

16 LNM, Univ., ff. 21–30.

17 Ibid., 438, f. 29.

18 A. Bonnici, *History of the Church in Malta.* III, Per. IV, 1800–1975, Malta: Veritas Press, 1975, p. 158.

19 Normal School Society of Valletta, *The Sixth Report of the Normal School Society of Valletta.* Malta, 1829, p. 8.

20 *The Malta Government Gazette.* 14 ta' Jannar 1829.

21 Normal School Society of Valletta, p. 9.

22 Wardle, p. 63.

23 Normal School Society of Valletta, p. 9.

24 *The Malta Government Gazette.* 15 ta' Ottubru 1828, p. 327.

25 Ibid., 11 ta' Awwissu 1830, p. 263.

26 Ibid., 27 ta' Lulju 1831, p. 234.

27 Ibid., 5 ta' Settembru 1832, p. 275.

28 Miegè, M., *Histoire de Malte – Statistique*, I, Pariġi: Paulin, 1840, p. 161.

29 Giglio, A., *Comments and Tables in illustration of the Statistical Abstracts of the Census of the Population of Malta for the Year 1851.* Malta, 1853, nota nru 1, 29.

30 Pullicino, P., *Statistica Scolastica Malta e Gozo 1858.* Malta, 1859, p. 5.

31 *Malta Penny Magazine.* 2 ta' Novembru 1839, p. 31.

32 *The Malta Government Gazette.* 23 ta' April 1834, p. 131.